**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 51/18 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu, 1972 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. "A" u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied li llum huma t-tnejn maggorenni.
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta’ separazzjoni personali pubblikat in atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia fit-30 ta’ Mejju, 2001 (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B).

3. Illi l-partijiet m’ghandhom ebda pendenzi bejniethom ta’ kwalsijasi natura, lanqas dwar hlas ta’ manteniment.
4. Illi ghaddew ferm aktar minn erba` (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata AB sive CB huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-

   Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ikkonfermat :

1) Illi preliminarjament jigi sottomess illi r-rikorrenti naqas milli jirritorna l-oggetti kollha tad-deheb illi l-konvenuta kellha taghha personali liema deheb kien hemm minnu parafernali u ohrajn li nghataw lilha bhala rigal mir-rikorrenti waqt iz-zwieg. Illi kien ir-rikorrenti stess illi ntrabat illi jghaddi lill-konvenuta imma ghal xi raguni li jaf biha hu biss naqas milli jzomm kellmtu.
2) Illi fit-tieni lok, fit-tieni klawzola tar-rikors promotur issir referenza ghall-kuntratt tas-separazzjoni liema kuntratt gie prezentat biss parti minnu.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, il-konvenuta qed toggezzjona ghat-talba dwar divorzju bejn il-partijiet u dan sakemm jigu ritornati lilha l-oggetti tad-deheb kif kien miftiehem waqt is-separazzjoni kif

ukoll jithallsu l-ispejjez relatati mar-risposta tal-konvenuta kif hawn annessa u mmarkta bhala Dok. A.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2001;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.